

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-10 ta' Diċembru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale civile di Trieste – L-Italja) – Florin Lazar vs Allianz SpA

(Kawża C-350/14) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Regolament (KE) Nru 864/2007 — Artikolu 4(1) — Kunċetti ta' "pajjiż fejn iseħħ id-dannu", ta' "dannu" u ta' "konsegwenzi indiretti tal-fatt dannuż" — Danni mġarrba personalment minn membru tal-familja ta' persuna li mietet wara inċident tat-traffiku — Liġi applikabbli)

(2016/C 048/03)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale civile di Trieste

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Florin Lazar

Konvenuti: Allianz SpA

Dispożittiv

L-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Lulju 2007, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("Ruma II"), għandu jiġi interpretat, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għal obbligu mhux kuntrattwali li jirriżulta minn inċident tat-traffiku, fis-sens li d-danni marbuta mal-mewt ta' persuna f'inċident bħal dan li jkun seħħ fl-Istat Membru fejn tressqet il-kawża u mġarrba mill-qraba tagħha li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor, għandhom jiġu kkwalifikati bħala "konsegwenzi indiretti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 351, 6.10.2014

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-10 ta' Diċembru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākā tiesa – il-Latvja) – Valsts ieņēmumu dienests vs "Veloserviss" SIA

(Kawża C-427/14) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kodiċi Doganali tal-Komunità — Kontroll wara r-rilaxx tad-dikjarazzjonijiet — Prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Limitazzjoni, fid-dritt nazzjonali, tal-eżami mill-ġdid tar-riżultati ta' kontroll wara r-rilaxx — Possibbiltà — Deċiżjoni dwar il-kontroll wara r-rilaxx inizjali — Informazzjoni ineżatta jew inkompleta mhix magħrufa fid-data tad-deċiżjoni)

(2016/C 048/04)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Augstākā tiesa

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Valsts ieņēmumu dienests

Konvenuta: "Veloserviss" SIA

Dispożittiv

L-Artikolu 78(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Novembru 2000, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirrestrinġi l-possibbiltà ta' l-awtoritajiet doganali li jirrepetu reviżjoni jew kontroll wara r-rilaxx u li minnu jisiltu l-konsegwenzi billi jstabilixxu dejn doganali ġdid, sa fejn din ir-restrizzjoni tirreferi għal perijodu ta' tliet snin mid-data ta' meta nħoloq id-dejn doganali inizjali, fatt li għandu jiġi mistħarreġ mill-qorti tar-rinviju.

(¹) ĠU C 421, 24.11.2014.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-10 ta' Diċembru 2015 – Canon Europa NV vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-552/14 P) (¹)

(Appell — Unjoni doganali u tariffa doganali komuni — Regolament (UE) Nru 861/2010 — Rikors għal annullament — Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE — Att leġiżlattiv li ma jinkludix fih miżuri ta' implementazzjoni — Rilaxx tal-merkanzija u komunikazzjoni tal-ammont tad-dazji — Użu ta' proċeduri ssimplifikati jew ta' proċessi informatiċi)

(2016/C 048/05)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Canon Europa NV (rappreżentanti: P. De Baere, avukat, P. Muñiz, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: R. Lyal, aġent)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Canon Europa NV hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 46, 09.02.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-10 ta' Diċembru 2015 – Kyocera Mita Europe BV vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-553/14 P) (¹)

(Appell — Unjoni doganali u Tariffa Doganali Komuni — Regolament (UE) Nru 861/2010 — Rikors għal annullament — Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE — Att regolatorju li ma jinkludix miżuri ta' eżekuzzjoni — Rilaxx tal-merkanzija u komunikazzjoni tal-ammont tad-dazji — Użu ta' proċeduri ssimplifikati jew ta' tekniċi ta' pproċessar ta' data)

(2016/C 048/06)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Kyocera Mita Europe BV (rappreżentanti: P. De Baere, avukat, P. Muñiz, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: R. Lyal, aġent)